



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14108/22

LIMITE

CORLX 1001
CFSP/PESC 1439
RELEX 1439
MOG 111
COHOM 124

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti
persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi
diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna l-użu mifruq u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti mhux vjolenti, li wassal għal għadd kbir ta' mwiet u persuni midruba. Id-dikjarazzjoni stqarret ukoll li daww responsabbli għall-qtil ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbli, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli biex jiċċaraw l-għadd ta' mwiet u persuni arrestati, biex jeħilsu lid-dimostranti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdu proċess xieraq lid-detenuti kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi severament l-aċċess għall-Internet u jimblokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser b'mod sfaċċat il-libertà tal-espressjoni. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni stqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażliet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtil ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani wiegħbu għad-dimostrazzjonijiet li segwew.

- (3) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1955¹, li tinkludi ħdax-il persuna u erba' entitajiet fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011 għall-involvement tagħhom fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.
- (4) F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li persuna waħda tiġi inkluża fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1955 tas-17 ta' Ottubru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (ĠU L 269 I, 17.10.2022, p. 1).

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Il-persuna li ġejja tiżdzied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
"107.	VAHIDI Ahmad وحیدی احمد	POB: Shiraz (Iran) Data tat-twelid: 27 ta' Lulju 1958 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Ministru għall-Intern	Ahmad Vahidi ilu l-Ministru għall-Intern Iranjan mill-25 ta' Awwissu 2021. Bħali tali, huwa responsabbli għall-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi Iranjani (LEF). Minn meta beda l-mandat tiegħu, numru bla preċedent ta' uffiċjali militari u ta' sigurtà nħatru gvernaturi provinċjali li għandhom rwoli ewlenin fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kontroll tal-folol mill-forzi speċjali tal-pulizija, il-milizzja Basij u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Ksur sfaċċat u serju tad-drittijiet tal-bniedem mil-LEF, bħall-isparar indiskriminat b'munizzjon attiv fuq dimostranti paċifiċi, inkluż tfal, ġie ddokumentat b'mod wiesa' minn mindu bdew il-protesti dwar il-mewt ta' Mahsa Amini f'nofs Settembru 2022. Aktar minn 70 dimostrant mietu u mijiet sfaw midruba serjament, inkluż tfal. Mill-bidu tad-dimostrazzjonijiet, il-forzi tal-pulizija żammew ukoll b'mod arbitrarju bosta difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti. Vahidi ppromwova wkoll pubblikament approċċ aħrax lejn persuni li jipparteċipaw fid-dimostrazzjonijiet. Huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	++

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.